DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................... ĦINIJIET ................. POST: ..............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI ......................................    DATA/DATI .........................................

DIRETTUR/REĠISTA: .................................

*Notamenti*

## ĊENS PERPETWU

*4 DRAMMI - Xena 4, p.204 (m)*

### FREDU

**DIK QALBEK TĦABBAT.**

X'hemm, Zi? Kont qed tismagħna naħseb. Taf x'qed infittex, hux hekk? Iva, lilek qed ngħid – lilek xwejjaħ, imgezzez hemm għas-sħana, il-midalji jleqqu fuq sidrek, għajnejk moħbija wara dak in-nuċċali, ma nafux intix ħaj jew mejjet, trux jew għama. Int iva, sieket hemm bla ma titħarrek, int taf fejn ħbiethom il-flus tgħid?

Ma titkellimx? Fittixt kullimkien, forsi rajtni – smajtni wkoll ikolli ngħid, eh? Imma tgħid – tgħid wara dik il-maskra għajjiena ta' wiċċek – tgħid qed tiddieħak bina, eh?

Għalxejn tilgħabha tal-mejjet, taf! Aħna nisimgħu – qed nisimgħuha dik qalbek tħabbat. *(Jieqaf jissemma'.)* Tismagħha? Tikxfek dik il-qalb, Xiħ; int m'intix mejjet, le! M'intix! *(Jgħajjat f'wiċċu.)* Lilek qed ngħid, taf! Tkellem! Fejn ħbiethom il-flus? Fejn? Fejn? *(<111)*

PDF p. 21

**ĦIN** MASSIMU ............ MINIMU .............

**PROPS** ..........................................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☐ = ..................................................

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.